Kunsill Lokali Ħal Balżan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balżan

**MINUTI TAL- ĦMISTAX-IL LAQGĦA TAT-TMIEN KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balżan

**Data:** It-Tnejn, 22 ta' Frar 2016

**Ħin:** Mill-5.30pm sat-7.41pm

**Preżenti:** In-Nutar Dr. Ian Spiteri
Is-Sur Andre Grech
Is-Sur Desmond Żammit Marmara
Is-Sur Daniel Muscat
Is-Sur Joe Galea

**1. <u>Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat-Tlettax-il laqgħa ta' nhar l-Erbgħa 27 ta' Jannar 2016. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Joe Galea, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Desmond Żammit Marmara. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. <u>Mill-Minuti</u>**

Ma kien hemm ebda *arising out* mill-minuti

**3. <u>Laqgħa tal-Lokalita`</u>**

Il-Kunsill qabel li l-laqgħa annwali tal-lokalita' għandha ssir nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Marżu 2016 fis-7.15pm

**Dan il-ħin (17.39pm) daħal il-Viċi Sindku Andre' Grech**

## 4. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera

**Is-Sindku Dr. Ian Spiteri**

Is-Sindku beda biex qal li kellu laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-ġdid għall-Artijiet, l-Onorevoli Dr.D. Schembri rigward l-għalqa li tinsab f'Wesgħa Profs. Ġuże Aquilina li taqa' taħt ir-responsabbilta' tal-GPD. Is-suġġett ta' din id-diskussjoni kienet id-devolużżjoni ta' din l-art lill-Kunsill biex tintuża għallinqas bħala parking area għaliex ix-xewqa tal-Kunsill dejjem kien li tinbena Civic Centre. Min naħa tagħha hija infurmatu li darba fil-ġimgħa tiltaqa' mad-diretturi tad-dipartiment u ser tressaqa għal kunsiderazzjoni.

Dr. Spiteri ressaq ilment ta' xi residenti li joqgħodu fi Triq Pagani kantuniera ma' Triq l-Imdina fuq xi villa abbandunata li fiha swimming pool bl-ilma li staġna u li qed tirriżulta li hemm ħafna nemus. Il-Kunsill ser jitlob lid- Dipartiment tas-Sanita' biex jinvestigaw.

Is-Sindku semma l-problema li qed jiffaċċjaw ir-residenti fi Triq San Franġisk kantuniera ma' Triq l-Imdina fuq parking minħabba l-ħaddiema tal-MFSA li qed jipparkjaw f'dawn l-inħawi. Huma talbu li bħala Kunsill jibgħat talba formali lill-TM biex hemmhekk tiġi *timed parking* allavolja jafu li l-Gvern Ċentrali ssospenda temporanjament din l-iskema.

Il-Kunsillier Desmond Żammit Marmara ma jaqbilx li din issir għaliex il-problema tal-*parking* teżisti kullimkien f'Ħal Balżan u f'dan il-każ it-talba għandha ssir għar-raħal kollu mhux għal triq partikulari biss.

Fuq din il-problema tal-parking kellu talba wkoll biex iċ-*charging point bays* tal-karozzi elettriċi fi Triq il-Kbira jiġu mressqa f'Wesgħa Profs. Ġuże Aqulina.

Is-Sindku staqsa lis-SE fuq is-sitwazzjoni tal-kirja tal-garaxx jekk hux ser inġedduh jew infittxu xi garaxx ieħor. Is-SE wieġeb li nistgħu nġedduh sal-aħħar ta' April u nippruvaw insibu ieħor.

Il-Kunsill ġie nfurmat li huwa ser ikollu laqgħa mas-Sur Ray Żammit, Direttur tal-LESA biex jiddiskutu l-infurzar tal-wardens fil-lokalita'.

**Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara**

Il-Kunsillier qal li l-problema tal-parking fuq double yellow line waqt il-ħinijiet tal-ħruġ tat-tfal minn Stella Maris għadha tippersisti u għandu jkun hemm infurzar fuqha. Din mhux l-ewwel darba li tkellem fuq din il-materja. Is-Sindku wieġeb li din ser tkun waħda mill-affarijiet li ser jiddiskuti mas-Sur Ray Zammit.

Is-Sur Zammit Marmara ressaq ilment ta' persuna li joqgħod Birkirkara u li ta' spiss jgħaddi mid-daħla ta' Triq it-Tlett Knejjes wara l-kappella fejn dejjem ikun hemm il-ħmieġ tal-ħamiem. Is-SE wieġeb li hemmhekk isir il-ħasil tagħha ta' spiss mill-ħaddiema tal-Kunsill imma sakemm il-ħamiem jibqa' hemmhekk din il-problema ser tibqa' tippersisti.

Il-Kunsillier infurma lill-Kunsill li l-ħarġa li jmiss tal-anzjani ser tkun żjara l-Konkatidral ta' San Gwann fejn bl-għajnuna tas-Sindu rnexxielu jġib din iż-żjara b'xejn għal ħamsin ruħ (50). Huwa talab li bħas-soltu jitwaħħal poster ta' din l-attivita'.

**Il-Viċi Sindku Andre Grech**

Is-Sur Grech infurma lill-Kunsill li kellu komunikazzjoni mas-Sur Ray Żammit ta' LESA biex isir infurzar fuq parking bl-addoċċ fil-lokalita'. Ittieħdet azzjoni immedjata u sar l-infurzar fejn twaħħlu numru ta' ċitazzjonijiet f'dan ir-rigward.

Il-Vici Sindku ressaq talba ta' xi residenti biex jiżdiedu żewġ parking bays fi Triq il-Kannizzata kantuniera ma' Triq il-Ferrovija l-Qadima. Is-SE talab għal aktar informażżjoni biex tkun tista' tiġi sottomessa applikazzjoni ma' TM.

Is-Sur Grech ta' xi informażżjoni lill-Kunsilliera fuq laqgħa li attenda tal-CORE fejn tittratta aspetti soċjali fil-lokalitajiet f'Malta.

**Il-Kunsillier Daniel Muscat**

Is-Sur Muscat issuġġerixxa li għas-sena d-dieħla bħala attivita' kulturali fl-almanakk tal-Kunsill tiżdied dik tal-festa ta' San Valentinu. Il-Kunsill qabel ma' din l-idea.

Huwa ta update fuq l-inizjattivi mill-Fakulta' tal-Inġinerija biex b'kollaborazzjoni mal-Kunsill jittellgħu disinji b'wirja ta' arti fi Ġnien A. Stellini.

Is-Sur Muscat ressaq ilment ta' xi residenti fuq il-karożżi tal-linja ta' kif qed taħdem ir-rotta 202/203. Is-SE infurmah li dawn ir-rotot ser jibqgħu kif inhuma u ma jistgħux jinbidlu sakemm tiġi introdotta l-iskeda tas-sajf.

## 5. Korrispondenza u Ilmenti

**Ittra Nru 5535:** MEMO 6/2016- Ħinijiet ta' Ġbir ta' Skart mill-Kunsilli Lokali

**Ittra Nru 5536:** Email mingħand TM fejn il-Kunsill ingħata l-approvazzjoni biex Triq San Franġisk fejn l-iskola primarja ta' San Alwiġi tingħalaq għat traffiku bejn is-1pm u s-2pm waqt il-ġranet tal-iskola biss.

**Ittra Nru 5538:** Email mingħand TM fejn ġejna nfurmati wara talba li saret direttament lilhom biex Triq San Franġisk fejn hemm parti biss bit-timed parking tiġi introdotta fit-triq kollha.

Il-Kunsill fid-dawl ta' din id-deċiżjoni minn TM talab lis-SE biex formalment jikteb lill-awtorita' biex bħala Kunsill ikollu l-awtorita` u d-diskrezżjoni li jestendi din l-iskema mar-raħal kollu għax hemm ċerta toroq li huma agħar minn dik ta' Triq San Franġisk bħala parking fejn nies minbarra r-raħal qed joħonqu l-ipparkeġġjar għad-detriment tar-residenti.

**Ilment Nru 17016029241744**: Tressaq ilment minn residenti li joqgħodu f' Dorset Flats, Triq il-Kbira biex il-bankina tad-daħla għal garaxx tagħhom titbaxxa minħabba l-karożżi tagħhom. Is-SE wieġeb li meta nbniet il-blokka, l-kuntrattur kellu d-dover li jirranġa l-bankina in kwistjoni u issa m'għandux ikun il-kunsill li jonfoq l-ispejjeż biex ibaxxiha hu.

Il-Kunsillier Joe Galea ser ikellem lill-kuntrattur tal-binja biex jieħu ħsieb jagħmel dan ix-xogħol.

Dwar l-ilmenti u korrispondenzi li rċieva l-kunsill f'dan il-perjodu, l-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew ikkunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta' kull min ippreżenta l-ilment.

## 8. Approvażżjoni ta' Ħlasijiet u ħlasijiet ta' Petty Cash

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-22 ta' Frar 2016 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 23,420.28. L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Daniel Muscat li kien issekondat mill-Vici Sindku Andre' Grech. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 11 ta' Marżu 2016 fl-4pm.

**Dr. Ian Spiteri**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Eżekuttiv

Data